

Kawża C-333/07

Société Régie Networks

vs

Direction de contrôle fiscal Rhône-Alpes Bourgogne

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Cour administrative d'appel de Lyon)

“Għajjnuna mill-Istat — Skema ta’ għajjnuna favur stazzjonijiet tar-radju lokali — Finanzjament permezz ta’ taxxa parafiskali fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-ispazju tar-reklamar — Deċiżjoni favorevoli tal-Kummissjoni fi tmiem il-fażi ta’ eżami preliminari prevista fl-Artikolu 93(3) tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 88(3) KE) — Għajjnuna li tista’ tkun kompatibbli mas-suq komuni — Artikolu 92(3) tat-Trattat KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 87(3) KE) — Kontestazzjoni tal-legalità tad-deċiżjoni — Obbligu ta’ motivazzjoni — Evalwazzjoni tal-fatti — Kompatibbiltà tat-taxxa parafiskali mat-Trattat KE”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali J. Kokott, ippreżentati fis-26 ta’ Ġunju
2008 I - 10811
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta’ Diċembru 2008 I - 10851

Sommarju tas-sentenza

1. *Domandi preliminari — Ammissibbiltà — Limiti — Domandi manifestament irrilevanti u domandi ipotetiċi magħmula f’kuntast li jeskludi risposta utli (Artikolu 234 KE)*

2. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Proġetti ta' għajjnuna — Eżami mill-Kummissjoni — Evalwazzjoni tal-validità ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari tal-għajjnuna skont informazzjoni disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni*
(*Trattat KE, Artikoli 93(3) u 190 (li saru l-Artikoli 88(3) KE u 253 KE)*)
3. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Eżami mill-Kummissjoni — Evalwazzjoni tal-legalità skont informazzjoni disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni*
(*Trattat KE, Artikolu 93 (li sar l-Artikolu 88 KE)*)
4. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Proġetti ta' għajjnuna — Notifika lill-Kummissjoni — Portata tal-obbligu*
(*Trattat KE, Artikolu 93(3) (li sar l-Artikolu 88(3) KE)*)
5. *Domandi preliminari — Evalwazzjoni tal-validità — Dikjarazzjoni ta' invalidità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar għajjnuna mill-Istat — Effetti — Limitazzjoni ratione temporis*
(*Artikolu 88 KE, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 231 KE u Artikolu 234 KE)*

1. Id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija responsabbli li tiddefinixxi, u li mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika l-eżattezza tagħhom, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fuq domanda magħmula minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju mitluba m'għandhiex x'taqsam mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi ta' fatt u ta' dritt necessariji sabiex twieġeb b'mod effettiv għad-domandi li jkun sarulha. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista', b'mod partikolari, tiddeċiedi li ma tagħtix deċiżjoni fuq domanda preliminari għal eżami tal-validità ta' att Komunitarju meta jidher b'mod manifest li din l-evalwazzjoni, mitluba mill-qorti nazzjonali, m'għandha l-ebda

rabta mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali.

(ara l-punti 46, 47)

2. Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar għajjnuna mill-Istat, adottata fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari tal-għajjnuna stabbilita permezz tal-Artikolu 93(3) tat-Trattat (li sar l-Artikolu 88(3) KE), li għandu biss l-għan li jippermettilha li tiffirma opinjoni preliminari dwar il-kompatibbiltà parzjali jew totali tal-għajjnuna kkonċernata, mingħajr ma tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fil-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu, u li tittieħed fi żmien qasir, għandha tinkludi biss ir-raġunijiet għalfejn il-Kummissjoni tikkunsidra li ma jeżistux diffikultajiet serji ta' evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajjnuna kkonċernata mas-suq komuni.

Motivazzjoni konċiża, li madankollu turi b'mod ċar u mhux ekwivoku r-raġunijiet għalfejn il-Kummissjoni kkunsidrat li ma kienx hemm diffikultajiet serji ta' evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna kkonċernata mas-suq komuni fid-dawl tan-natura tal-att li fih hija tinsab u tal-kuntest tiegħu, għandha titqies li hija suffiċjenti fir-rigward tar-rekwiżit ta' motivazzjoni li jipprevedi l-Artikolu 190 tat-Trattat (li sar l-Artikolu 253 KE), peress li l-kwistjoni tal-fondatezza ta' din il-motivazzjoni mhijiex rilevanti għal dan ir-rekwiżit. Barra minn hekk, tali id-deċiżjoni ma tistax tiġi kkritikata bis-saħħa tal-Artikolu 190 KE tat-Trattat minħabba n-nuqqas ta' identifikazzjoni espliċita ta' waħda mill-kategoriji ta' derogi elenkati fl-Artikolu 92(3) tat-Trattat (li sar, wara emenda, l-Artikolu 87(3) KE).

(ara l-punti 64, 65, 70-72)

3. Il-legalità ta' deċiżjoni fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat, *a fortiori* meta tkun deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet kontra skema ta' għajnuna adottata wara l-fażi ta' eżami preliminari prevista fl-Artikolu 93(3) tat-Trattat (li sar l-Artikolu 88(3) KE), għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-informazzjoni li l-Kummissjoni seta' jkollha għad-dispożizzjoni tagħha meta hija adottatha. Ladarba, fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kellha tevalwa l-effetti futuri ta' skema ta' għajnuna meta dawn l-effetti ma setgħux jiġu previsti b'ċertezza din id-deċiżjoni ma tistax tiġi kkritikata ħlief jekk din tal-

aħħar kienet tidher li hija manifestament żbaljata fid-dawl tal-provi li l-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha fiż-żmien tal-adozzjoni tagħha.

(ara l-punti 81, 82)

4. Il-mod ta' finanzjament ta' għajnuna mill-Istat jista' jwassal għall-inkompatibbiltà mas-suq komuni tal-iskema ta' għajnuna kollha li huwa jservi biex jiffinanzja. Għalhekk, l-eżami ta' għajnuna ma jistax jiġi mifrud mill-effetti tal-mod ta' finanzjament tagħha. Bil-kontra, l-eżami ta' miżura ta' għajnuna mill-Kummissjoni għandu neċessarjament jieħu inkunsiderazzjoni l-mod ta' finanzjament tal-għajnuna meta dan tal-aħħar ikun parti integrali mill-miżura. B'hekk, in-notifika tal-miżura ta' għajnuna, prevista fl-Artikolu 93(3) tat-Trattat (li sar l-Artikolu 88(3) KE) għandha tirrigwarda wkoll il-mod ta' finanzjament tagħha, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq l-eżami tagħha abbażi ta' informazzjoni kompleta. Fin-nuqqas ta' dan, ma jistax jiġi eskluż li tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni miżura ta' għajnuna li ma kinitx tiġi ddikjarata li hija kompatibbli mas-suq komuni li kieku l-Kummissjoni kienet taf bil-mod ta' finanzjament tagħha. L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni taqa' taħt is-setgħa esklużiva tagħha, li hija eżerċitata taħt l-istħarriġ tal-qorti Komunitarja.

(ara l-punti 89, 90, 94)

5. Meta kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' ċertezza legali jiġġustifikawha, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 231 KE, applikabbli, b'analoġġija, ukoll fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari għal evalwazzjoni tal-validità ta' atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea, skont l-Artikolu 234 KE, setgħa diskrezzjonali sabiex tindika, f'kull każ partikolari, dawk l-effetti tal-att ikkonċernat li għandhom jiġu kkunsidrati bħala definittivi.

skema ta' għajjnuna kompatibbli mas-suq komuni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' żżomm sospiżi, għal perijodu definit, l-effetti tad-dikjarazzjoni ta' invalidità tal-imsemmija deċiżjoni sal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 88 KE u tista' tagħmel eċċezzjoni minn din il-limitazzjoni għall-impriżi li jkunu ppreżentaw rikors ġudizzjarju jew qajmu lment ekwivalenti dwar il-ġbir tat-taxxa li tagħmel parti integrali mill-imsemmija skema.

Fil-kuntest ta' sentenza li tiddikjara invalida deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara

(ara l-punti 121, 128 u d-dispożittiv)